# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 38**

**Avviz numru 289/97/SM**

**Joseph Bezzina u Louis Zammit**

**vs**

**Joseph u Roberta konjugi Attard**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat iz-17 ta' Frar ta' l-1997 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Illi fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti ihallsu s-somma ta' mitejn u tmienja u erbghin Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (LM248.95,0), rapprezentanti prezz ta' xogholijiet ta' elettriku li saru fuq**

**inkarigu taghhom stess, fil-fond residenza taghhom fil-Mellieha, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

2. **Bl-ispejjes kollha tal-prezenti u dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-14 ta' Jannar 1997 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Settembru ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

1. **Illi t-talba ta' l-atturi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt stante l-inkarigu tax-xoghol moghti ma giex espletat;**

2. **Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet li lahqu u ghamlu ma sarux skond l-arti u s-sengha;**

3. **Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespot, l-konvenuti m'ghandhom ihallsu xejn;**

4. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-atturi kienu gew ingaggati bhala "electricians" mill-konvenuti biex jaghmlu xoghol ta' elettriku fil-fond residenza ta' l-istess konvenuti;**

**2. Illi biex isir dan ix-xoghol l-atturi kellhom jaghddu trinek fil-hitan u jaghddu l-pipijiet u “wires” necessarji;**

**3. Illi l-atturi kienu wkoll applikaw formalment ghall-permess governattiv relattiv;**

**4. Illi jidher li sa dan l-istadju l-konvenuti kienu sodisfatti bix-xoghol ta’ l-atturi u halsu nofs l-ammont pattwit bejniethom;**

**5. Illi jidher ukoll li kien intlahaq xi fethim bejnithom li permezz tieghu l-atturi kellhom jieqfu mix-xoghol u jitterminawh wara li l-konvenuti jlestu miz-zebgha u t-tikhil;**

**6. Illi wara li kien ghadda hafna zmien l-atturi b’sorpriza ndunaw li fir-residenza tal-konvenuti kien hemm id-dawl;**

**7. Illi meta l-atturi rrinfaccjaw lill-konvenuti b’dan gew infurmati li x-xoghol ma kienx ghogobhom u kienu qabbdu lil haddiehor biex jittermina dak li kienu bdew huma;**

**8. Illi ghall-atturi din kienet sajjetta fil-bnazzi stante li jirrizultalhom li x-xoghol dejjem kien gradit mill-konvenuti u fejn dawn kienu jridu xi varjazzjoni jew perfezzjoni dejjem gew sodisfatti;**

**9. Illi l-atturi jsostnu li kienu ppreparati jitterminaw ix-xoghol kif tenuti u dan m’ghamluhx biss ghaliex kienu sgwidati mill-konvenuti;**

**10. Illi l-atturi kienu ghalhekk kostretti jintrapprendu din il-procedura biex jithallsu tax-xoghol taghhom gia’ mitmum;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ma tterminawx ix-xoghol taghhom biss ghaliex gew zgwidati mill-istess atturi;**

**Illi ghalhekk l-ammont minnhom rikjamat f'din il-procedura hu validament hekk rikjamat u ghaldaqstant filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u tordna lill-konvenuti Joseph u Roberta konjugi Attard biex ihallsu l-ammont ta' mitejn u tmienja u erbghin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu, (LM248.95,0) lill-atturi, bl-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**